Ġabra tal-ġurisprudenza

# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

20 ta' Frar 2018*

"Appell — Protezzjoni tal-konsumaturi — Servizzi ta' logħob tal-azzard onlajn — Protezzjoni tal-konsumaturi u tal-ġugaturi u prevenzjoni tal-logħob tal-azzard fost il-minorenni — Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/478/UE — Att tal-Unjoni mhux legalment vinkolanti — Artikolu 263 TFUE"

Fil-Kawża C-16/16 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fis-6 ta' Jannar 2016

**Ir-Renju tal-Belġju**, irrappreżentat minn L. Van den Broeck, M. Jacobs u J. Van Holm, bħala aġenti, assistiti minn P. Vlaemminck, B. Van Vooren, R. Verbeke u J. Auwerx, advocaten,

rikorrent,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn F. Wilman u H. Tserepa-Lacombe, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Tizzano, Viċi President, R. Silva de Lapuerta, J. L. da Cruz Vilaça, J. Malenovský u E. Levits, Presidenti ta' Awla, E. Juhász, A. Borg Barthet, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev, C. Toader (Relatur), C. Lycourgos u M. Vilaras, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' Ġunju 2017,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2017,

tagħti l-preżenti

* Lingwi tal-kawża: l-Olandiż.

## Sentenza

1 Permezz tal-appell tiegħu, ir-Renju tal-Belġju jitlob l-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-27 ta’ Ottubru 2015, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (T-721/14, iktar ’il quddiem id-“digriet appellat”, EU:T:2015:829), li permezz tiegħu din tal-aħħar ċaħdet ir-rikors ta’ dan tal-aħħar li kien intiż għall-annullament tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/478/UE tal-14 ta’ Lulju 2014 dwar prinċipji għall-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ġugaturi ta’ servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn u għall-protezzjoni tal-minorenni mil-logħob tal-azzard onlajn (ĠU 2014, L 214, p. 38, iktar ’il quddiem ir-“rakkomandazzjoni kontenzjuża”).

### Il-kuntest ġuridiku

2 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jistabbilixxi:

“Il-Qorti tal-Ġustizzja ta’ l-Unjoni Ewropea għandha teżamina l-legalità ta’ atti leġislattivi, ta’ l-atti tal-Kunsill [tal-Unjoni Ewropea], tal-Kummissjoni [Ewropea] u tal-Bank Ċentrali Ewropew, minbarra ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet, u ta’ atti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew maħsuba li joħolqu effetti legali fir-rigward ta’ terzi. Din għandha tikkontrolla wkoll il-legalità ta’ l-atti ta’ korpi jew organi ta’ l-Unjoni maħsuba sabiex jipproduċu effetti legali fil-konfront ta’ partijiet terzi.”

3 Fi ħdan taqsima intitolata “L-atti legali tal-Unjoni”, l-Artikolu 288 TFUE jipprovdi:

“Biex jeżerċitaw il-kompetenzi ta’ l-Unjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jadottaw regolamenti, direttivi, deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet.

Regolament għandu jkollu applikazzjoni ġenerali. Ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Direttiva għandha torbot l-Istati Membri, f’dak li għandu x’jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda tħalli l-għażla ta’ forom u metodi f’idejn l-awtoritajiet nazzjonali.

Id-deċiżjoni għandha torbot fl-intier tagħha. Deċiżjoni li tispeċifika lil min hija indirizzata għandha torbot lil dawn biss.

Ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet ma jkunux vinkolanti.”

4 L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta’ April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 3), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta’ Mejju 2013 (ĠU 2013, L 158, p. 1), jipprovdi:

“Il-lingwi uffiċjali u l-lingwi ta’ ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu l-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, l-Ispanjol, l-Isvediż, il-Kroat, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, it-Taljan u l-Ungeriż.”

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

5 Fl-14 ta’ Lulju 2014, il-Kummissjoni Ewropea adottat ir-rakkomandazzjoni kontenzjuża skont l-Artikolu 292 TFUE.

6 Mill-premessa 9 ta' din ir-rakkomandazzjoni jirriżulta li l-għan tagħha huwa "li tiġi salvagwardjata s-saħħa tal-konsumaturi u tal-ġugaturi u għaldaqstant anki li tiġi minimizzata l-ħsara ekonomika li tista' tirriżulta mil-logħob tal-azzard kompulsiv jew eċċessiv".

7 Il-punt I, intitolat "Skop", tal-imsemmija rakkomandazzjoni huwa redatt kif ġej:

"1. L-Istati Membri huma rrakkomandati li jiksbu livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi, il-ġugaturi u l-minorenni permezz tal-adozzjoni ta' prinċipji għas-servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn u għal komunikazzjonijiet kummerċjali responsabbli ta' dawk is-servizzi, sabiex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa u sabiex tiġi minimizzata wkoll il-ħsara ekonmika eventwali li tista' tirriżulta minn logħob tal-azzard kompulsiv jew eċċessiv.

2. Din ir-Rakkomandazzjoni ma xxekkilx id-dritt tal-Istati Membri li jirregolaw is-servizzi tal-logħob tal-azzard."

8 Il-punti III sa X tal-istess rakkomandazzjoni huma marbuta, rispettivament, mar-"rekwiżiti tal-informazzjoni", mal-"minorenni", mar-"reġistrazzjoni u kont ta' ġugatur", mal-"attività tal-ġugatur u appoġġ", maż-"żmien ta' waqfien u awtoesklużjoni", mal-"komunikazzjoni kummerċjali", mal-"[i]sponsorjar", kif ukoll mal-"edukazzjoni u sensibilizzazzjoni".

**Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat**

9 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Ottubru 2014, ir-Renju tal-Belġju ressaq kawża għall-annullament tar-rakkomandazzjoni kontenzjuża.

10 B'att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà skont l-Artikolu 114(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 1991. Ir-Renju tal-Belġju ppreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar din l-eċċezzjoni fl-20 ta' Frar 2015.

11 Il-Kummissjoni teċċepixxi l-inammissibbiltà ta' dan ir-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali minħabba li r-rakkomandazzjoni kontenzjuża ma tikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat skont l-Artikolu 263 TFUE. Essenzjalment, hija tqis li, kemm fil-forma tagħha kif ukoll fil-kontenut tagħha, ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni hija rakkomandazzjoni "vera" fis-sens tal-Artikolu 288 TFUE, li ma torbotx u ma timponi ebda obbligu vinkolanti. Dan tixhdu l-preżentazzjoni formali ta' din ir-rakkomandazzjoni bbażata fuq l-Artikolu 292 TFUE kif ukoll il-formulazzjoni tagħha f'termini mhux imperattivi u kundizzjonali. Il-Kummissjoni żżid tgħid li ebda wieħed mill-argumenti mqajma mir-Renju tal-Belġju fir-rikors ma jista' jinvalida din il-klassifikazzjoni tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni bħala att li ma jistax jiġi kkontestat.

12 Ir-Renju tal-Belġju qies li r-rikors kien ammissibbli. Essenzjalment, filwaqt li jibbaża ruħu b'mod partikolari fuq is-sentenzi tal-31 ta' Marzu 1971, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, imsejħa "AETR" (22/70, EU:C:1971:32) u tat-13 ta' Diċembru 1989, Grimaldi (C-322/88, EU:C:1989:646), kif ukoll fuq il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, huwa osserva li r-rakkomandazzjoni kontenzjuża għandha tkun tista' tkun is-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-ewwel nett, allega li din ir-rakkomandazzjoni tipproduċi "effetti legali negattivi" sa fejn, kif din tirriżulta mill-ewwel, it-tielet u r-raba' motivi mqajma fir-rikors tiegħu, tikser il-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-prinċipju tal-kompetenza ta' attribuzzjoni u l-obbligu ta' kooperazzjoni leali bejn istituzzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll bejn dawn u l-Istati Membri. It-tieni nett, osserva, fil-kuntest tat-tieni u l-ħames motivi mqajma insostenn tar-rikors tiegħu, li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni tipproċedi bl-intenzjoni li tarmonizza l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 49 u 56 TFUE fil-qasam tal-logħob tal-ażżard u tikkostitwixxi, fir-realtà, direttiva moħbija, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qrati tal-Unjoni. Huwa żied jgħid li r-rakkomandazzjoni kontenzjuza tipproduċi effetti legali indiretti, peress

li, minn naħa, l-Istati Membri huma marbuta, minħabba l-obbligu tagħhom ta' kooperazzjoni leali, bl-obbligu li jagħmlu l-aħjar li jistgħu sabiex jirrispettawha u li, min-naħa l-oħra, il-qrati nazzjonali kellhom jieħdu din ir-rakkomandazzjoni inkunsiderazzjoni.

13 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-12 u fis-16 ta' Jannar 2015, ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika Portugiża talbu li jintervjenu f'din il-proċedura insostenn tat-talbiet tar-Renju tal-Belġju.

14 Permezz tad-digriet appellat, adottat skont l-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, din tal-aħħar laqgħet l-eċċezzjoni ta' inammissabbiltà mingħajr ma daħlet fil-mertu. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rakkomandazzjoni kontenzjuża ma tipproduċix u ma hijiex intiża li tipproduċi effetti legali vinkolanti, b'tali mod li ma tistax tiġi kklassifikata bħala "att li jista' jiġi kkontestat", fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE. Konsegwentement il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli u ddeċidiet li għaldaqstant ma kienx hemm lok li tagħti deċiżjoni fuq it-talbiet għal intervent.

**It-talbiet tal-partijiet;**

15 Permezz tal-appell tiegħu, ir-Renju tal-Belġju jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla d-digriet appellat fl-intier tiegħu;

– tiddikjara r-rikors għal annullament ammissibbli;

– tagħti sentenza fuq il-mertu tal-kawża;

– tiddikjara ammissibbli t-talbiet għal intervent mir-Repubblika Ellenika u mir-Repubblika Portugiża, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

16 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appelli, u

– tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

**Fuq l-appell**

17 Insostenn tal-appell tiegħu, ir-Renju tal-Belġju jinvoka tliet aggravji.

***Fuq l-ewwel u t-tieni aggravju***

*L-argumenti tal-partijiet*

18 Fil-kuntest tal-ewwel aggravju, ir-Renju tal-Belġju jsostni li l-adozzjoni ta' kull att legali, fis-sens tal-Artikolu 288 TFUE, fiha nnifisha hija suffiċjenti sabiex tipproduċi effetti legali li jistgħu jiġġustifikaw stħarriġ tal-legalità skont l-Artikolu 263 TFUE. L-esklużjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-istħarriġ għandha tingħata interpretazzjoni stretta. Konsegwentement, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fid-digriet appellat, għandu jkun possibbli li tintalab mill-qorti tal-Unjoni l-verifika tal-osservanza, mill-istituzzjoni li tkun adottat

ir-rakkomandazzjoni kontenzjuża, tal-prinċipji ta' għoti tal-kompetenzi, ta' kooperazzjoni leali u ta' bilanċ istituzzjonali, li hija ta' importanza fundamentali fil-kuntest tat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, kif ukoll bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. B'hekk anki fil-preżenza ta' rakkomandazzjoni vera u proprja, il-Qorti Ġenerali jkollha l-ġurisdizzjoni sabiex tivverifika jekk l-imsemmija prinċipji ġewx interpretati b'mod żbaljat waqt l-adozzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni, u dan mingħajr il-ħtieġa li jitwettaq stħarriġ sħiħ tal-kontenut materjali ta' din tal-aħħar.

19 F'dan ir-rigward, ir-Renju tal-Belġju jsostni li l-Artikolu 292 TFUE, li abbażi tiegħu ġiet adottata r-rakkomandazzjoni kontenzjuża, ma jikkostitwixxix bażi legali materjali, iżda biss bażi legali proċedurali li tikkonferixxi mhux biss lill-Kummissjoni, iżda wkoll lill-Kunsill, il-kompetenza li jadottaw rakkomandazzjonijiet. Konsegwentement, l-osservanza tal-prinċipju ta' bilanċ istituzzjonali timplika li l-qorti tal-Unjoni tista' tivverifika jekk il-Kummissjoni kellhiex għad-dispożizzjoni tagħha bażi legali materjali sabiex tadotta r-rakkomandazzjoni kontenzjuża.

20 Ir-Renju tal-Belġju jsostni wkoll li mis-sentenza tal-31 ta' Marzu 1971, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, imsejħa "AETR" (22/70, EU:C:1971:32), jirriżulta li l-qorti tal-Unjoni għandha tkun tista' tivverifika, sa mill-istadju tal-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament, jekk l-att jistax jipproduċi effetti legali vinkolanti fid-dawl tal-prerogattivi ta' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni u tal-Istati Membri, mingħajr il-bżonn li tagħti sentenza fuq il-mertu tal-validità ta' dan l-att.

21 Fil-kuntest tat-tieni motiv, ir-Renju tal-Belġju jsostni li d-digriet appellat, b'mod partikolari fil-punti 53 sa 55 tiegħu, iwassal għal inugwaljanza proċedurali sa fejn dan ma jippermittilux li jistħarreġ permezz tal-qorti tal-Unjoni l-osservanza, mill-Kummissjoni, tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, filwaqt li din l-istituzzjoni, min-naħa tagħha, għandha l-possibbiltà li tissuġġetta l-konformità ta' atti legali ma' dan il-prinċipju għall-istħarriġ ġudizzjarju, anki jekk dawn l-atti ma jkollhomx effetti vinkolanti.

22 Ir-Renju tal-Belġju jsostni wkoll li l-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali fil-punt 52 tad-digriet appellat ma hijiex konċiljabbli mal-insenjamenti naxxenti mis-sentenzi tat-23 ta' April 1986, Les Verts vs Il-Parlament (294/83, EU:C:1986:166), u tat-22 ta' Mejju 1990, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-70/88, EU:C:1990:217), li rikors għal annullament għandu jiġi ddikjarat ammissibbli, anki fl-assenza ta' dispożizzjoni f'dan is-sens fit-Trattati, meta dan ikun intiż sabiex tiġi mistħarrġa l-osservanza minn istituzzjoni tal-Unjoni tal-prinċipji fundamentali tal-ordinament ġuridiku ta' din tal-aħħar.

23 Ir-Renju tal-Belġju jirrileva wkoll li, fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni (C-73/14, EU:C:2015:663), il-Qorti tal-Ġustizzja ma tefgħetx dubju fuq l-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament minkejja li s-suġġett ta' dan ir-rikors kien jikkonċerna l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-kuntest ta' proċedura ta' opinjoni konsultattiva li ma għandhiex effett vinkolanti.

24 Il-Kummissjoni tipproponi li dawn l-aggravji għandhom jiġu miċħuda.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

25 Fl-ewwel lok, sa fejn l-ewwel żewġ aggravji, li jeħtieġ li jiġu eżaminati flimkien, huma bbażati fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali billi qieset li r-rakkomandazzjoni kontenzjuża ma tipproduċix effetti legali li jistgħu jiġġustifikaw stħarriġ tal-legalità skont l-Artikolu 263 TFUE, jeħtieġ li jitfakkar li, skont l-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tistħarreġ il-legalità, b'mod partikolari, tal-atti tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tal-Bank Ċentrali Ewropew, "minbarra r-rakkomandazzjonijiet […]".

26 Billi stabbilixxa r-rakkomandazzjonijiet bħala kategorija partikolari ta' atti tal-Unjoni u billi ppreveda espressament li dawn "ma jkunux vinkolanti", l-Artikolu 288 TFUE kien intiż li jagħti lill-istituzzjonijiet awtorizzati li jadottawhom is-setgħa ta' inċitazzjoni u ta' persważjoni, distinta mis-setgħa tal-adozzjoni ta' atti mogħtija effett vinkolanti.

27 F'dan il-kuntest, kienet korretta il-Qorti Ġenerali meta fil-punt 17 tad-digriet appellat, filwaqt li bbażat ruħha fuq ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, qieset li "ma huwiex suġġett għall-istħarriġ ġudizzjarju previst fl-Artikolu 263 TFUE kull att li ma jipproduċi ebda effett legali vinkolanti, bħal [...] ir-rakkomandazzjonijiet sempliċi".

28 Għaldaqstant, għall-kuntrarju ta' dak li jsostni r-Renju tal-Belġju, ma huwiex suffiċjenti li istituzzjoni tadotta rakkomandazzjoni allegatament bi ksur ta' ċerti prinċipji jew regoli proċedurali, sabiex din ir-rakkomandazzjoni tkun tista' tiġi ssuġġettata għal rikors għal annullament, minkejja li din ma tkun tipproduċi ebda effett legali vinkolanti.

29 Madankollu, eċċezzjonalment, l-impossibbiltà li jiġi ppreżentat rikors għal annullament kontra rakkomandazzjoni ma tkunx tgħodd jekk l-att ikkontestat, skont il-kontenut tiegħu, ma jkunx jikkostitwixxi rakkomandazzjoni vera u proprja.

30 F'dan ir-rigward, waqt l-analiżi tal-kontenut tal-att ikkontestat intiż sabiex jiġi ddeterminat jekk dan tal-aħħar jipproduċix effetti legali vinkolanti, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, kif tfakkar fil-punt 25 ta' din is-sentenza, ir-rakkomandazzjonijiet huma, skont l-Artikolu 263 TFUE, esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u li, skont il-ħames paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, ma humiex vinkolanti.

31 Ġaladarba dan ġie speċifikat, jeħtieġ li jitfakkar li huma meqjusa bħala "atti li jistgħu jiġu kkontestati", fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, id-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-istituzzjonijiet, irrispettivament mill-forma tagħhom, li jkunu intiżi li jipproduċi effetti legali vinkolanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-31 ta' Marzu 1971, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, imsejħa "AETR", 22/70, EU:C:1971:32, punti 39 u 42, kif ukoll tal-25 ta' Ottubru 2017, Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni, C-599/15 P, EU:C:2017:801, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-att ikkontestat jipproduċix effetti legali vinkolanti, għandha tiġi studjata s-sustanza ta' dan l-att u għandhom jiġu evalwati l-imsemmija effetti fid-dawl ta' kriterji oġġettivi, bħall-kontenut ta' dan l-istess att, filwaqt li jittieħed kont, fejn xieraq, tal-kuntest tal-adozzjoni ta' dan tal-aħħar kif ukoll tas-setgħat tal-istituzzjoni li tkun adottatu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Frar 2014, L-Ungerija vs Il-Kummissjoni, C-31/13 P, EU:C:2014:70, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-25 ta' Ottubru 2017, Is-Slovakkja vs Il-Kummissjoni, C-593/15 P u C-594/15 P, EU:C:2017:800, punt 47).

33 F'dan il-każ, fil-punt 18 tad-digriet appellat, bil-ħsieb li tiddetermina jekk ir-rakkomandazzjoni kontenzjuża setgħetx tipproduċi tali effetti u, għalhekk, setgħetx tiġi ssuġġettata għal rikors għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kliem tagħha u l-kuntest li taqa' fih, il-kontenut tagħha kif ukoll l-intenzjoni tal-istituzzjoni li addottatha.

34 B'mod iktar partikolari, il-Qorti Ġenerali qieset, fl-ewwel lok, fil-punt 21 tad-digriet appellat, li "r-rakkomandazzjoni inkwistjoni hija fformulata, essenzjalment, fi kliem mhux imperattiv", kif jirriżulta mill-analiżi li hija wettqet fil-punti 22 u 23 tad-digriet appellat. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali speċifikat, fil-punti 26 u 27 ta' dan id-digriet, li ċerti verżjonijiet lingwistiċi tal-imsemmija rakkomandazzjoni, minkejja li jinkludu parzjalment xi kliem iktar imperattiv, huma xorta waħda redatti b'mod essenzjalment mhux vinkolanti.

35 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 29 ta' dan id-digriet, "li jirriżulta wkoll mill-kontenut tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni li dan l-att ma huwa b'ebda mod intiż li jipproduċi effetti legali vinkolanti u li l-Kummissjoni b'ebda mod ma kellha l-intenzjoni li tagħtiha dawn l-effetti". B'mod partikolari, ġie mfakkar, fil-punt 31 tad-digriet appellat, li, "fil-paragrafu 2 tar-Rakkomandazzjoni inkwistjoni, huwa speċifikat espliċitament li din hija mingħajr ħsara għad-dritt tal-Istati Membri li

jirregolaw is-servizzi tal-logħob tal-ażżard”. Barra minn hekk, fil-punt 32 tal-imsemmi digriet, huwa enfasizzat li r-rakkomandazzjoni kontenzjuża ma tinkludi ebda indikazzjoni espliċita li tipprovdi li l-Istati Membri huma obbligati jadottaw u japplikaw il-prinċipji stabbiliti minnha.

36 Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 36 tal-imsemmi digriet, inkonnessjoni mal-kuntest li taqa' fih ir-rakkomandazzjoni kontenzjuża, li, "mingħajr ma din tkun ikkontestata mir-Renju tal-Belġju", jirriżulta minn estratt mill-Avviż tal-Kummissjoni COM(2012) 596 finali, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tat-23 ta' Ottubru 2012, intitolat "Lejn qafas Ewropew komprensiv għal-logħob tal-azzard online", li "[f]l-intier tiegħu, ma jidhirx opportun, f'dan l-istadju, li tiġi proposta leġiżlazzjoni tal-[Unjoni] speċifika għas-settur". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

37 Għaldaqstant huwa skont analiżi eżegwit sal-grad rikjest mil-liġi tal-kliem, tal-kontenut u tal-finalità tar-rakkomandazzjoni kontenzjuża kif ukoll tal-kuntest li din taqa' fih li l-Qorti Ġenerali setgħet tikkonkludi validament, fil-punt 37 tad-digriet appellat, li l-imsemmija rakkomandazzjoni "la tipproduċi lanqas ma hija intiża li tipproduċi effetti tad-dritt obbligatorji, b'mod li ma tistax tiġi kklassifikata bħala att li jista' jiġi ikkontestat fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE."

38 L-analiżi preċedenti ma huwiex impoġġi f'dubju, fl-ewwel lok, mill-argument tar-Renju tal-Belġju bbażat fuq il-fatt li, fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni (C-73/14, EU:C:2015:663), il-Qorti tal-Ġustizzja ma poġġietx f'dubju l-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament tal-Kunsill, minkejja li dan ir-rikors kien jikkonċerna l-preżentazzjoni ta' pożizzjoni tal-Unjoni fil-kuntest ta' proċedura ta' opinjoni konsultattiva li ma għandhiex effett vinkolanti. Fil-fatt, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li l-imsemmi rikors kien dirett, mhux kontra rakkomandazzjoni, fis-sens tal-ħames paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE iżda kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni li, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, tipproduċi effetti legali vinkolanti. Barra minn hekk, li jiġi invokat bħala pretest il-fatt li din id-deċiżjoni ġiet adottata fil-kuntest tal-parteċipazzjoni f'tali proċedura, ikun iwassal, kif enfasizzat ġustament il-Kummissjoni, sabiex jiġi mħallta b'mod żbaljat in-natura tal-effetti tal-imsemmija deċiżjoni u n-natura tal-proċedura ta' opinjoni konsultattiva inkwistjoni.

39 Fit-tieni lok, sa fejn l-ewwel aggravju huwa bbażat fuq ksur, mill-Qorti Ġenerali, tal-portata tal-prinċipji ta' għoti ta' kompetenzi, ta' kooperazzjoni leali kif ukoll tal-bilanċ istituzzjonali, jeħtieġ li jiġi rrilevat li r-Renju tal-Belġju, permezz ta' dan, jallega li l-Qorti Ġenerali ma ddeduċietx in-natura kontestabbli tar-rakkomandazzjoni kontenzjuża minħabba l-allegata inosservanza tal-imsemmija prinċipji mill-Kummissjoni. Issa, kif ġie enfasizzat fil-punt 28 ta' din is-sentenza, tali raġunament ma jistax jintlaqa'.

40 Barra minn hekk, sa fejn it-tieni aggravju huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata, mill-Qorti Ġenerali tal-preżunta reċiproċità tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, hemm lok li jiġi rrilevat, minn naħa, li, kif enfasizzat, essenzjalment, il-Qorti Ġenerali fil-punt 55 tad-digriet appellat, ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u r-rikors għal annullament jikkostitwixxu rimedji legali li għandhom għanijiet differenti u li għandhom jissodisfaw kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà differenti u, min-naħa l-oħra, li l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali ma jistax iwassal sabiex jiġu mwarrba l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà previsti espressament fl-Artikolu 263 TFUE.

41 Fit-tielet lok, l-argument tar-Renju tal-Belġju, li jallega li, fis-sentenza tal-31 ta' Marzu 1971, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, imsejħa "AETR" (22/70, EU:C:1971:32), il-Qorti tal-Ġustizzja, bil-għan li tagħti deċiżjoni fuq l-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament, eżaminat jekk l-att tal-Kunsill inkwistjoni fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza setax ikollu effetti legali fir-rigward tal-prerogattivi tal-istituzzjoniijet l-oħra tal-Unjoni u tal-Istati Membri, ma huwiex ta' natura li jikkonfuta l-kunsiderazzjoni inkluża fil-punt 37 tas-sentenza odjerna.

42 Fil-fatt, f'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li dan l-att kien deliberazzjoni tal-Kunsill mogħtija fi proċess verbali, li bil-għan li tevalwa n-natura kontestabbli tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja vverfikat jekk kienx intiż li jipproduċi effetti legali vinkolanti. Għall-kuntrarju, il-kawża odjerna tikkonċerna rakkomandazzjoni, li hija eskluża espressament, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, mill-kamp ta' applikazzjoni tal-istħarriġ tal-legalità previst f'dan l-Artikolu 263, u dan kif ġie barra minn hekk imfakkar mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punti 38 u 39 tas-sentenza tal-31 ta' Marzu 1971, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, imsejħa "AETR" (22/70, EU:C:1971:32), fil-kuntest tal-Artikolu 173 KEE (li sar l-Artikolu 173 KE, li mbagħad sar l-Artikolu 230 KE). Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punti 33 sa 37 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk ir-rakkomandazzjoni kontenzjuża kinitx intiża li tipproduċi effetti legali vinkolanti u ddeċidiet, ġustament, li dan ma kienx il-każ.

43 Fit-tieni lok, sa fejn l-ewwel żewġ aggravji jallegaw ksur tal-Artikolu 263 TFUE peress li l-Qorti Ġenerali eskludiet, bid-digriet appellat, li r-rakkomandazzjoni kontenzjuża tista' tiġi ssuġġettata għal stħarriġ tal-legalità abbażi ta' dan l-artikolu, fatt li jkun jikser ir-rekwiżiti naxxenti mis-sentenzi tat-23 ta' April 1986, Les Verts vs Il-Parlament (294/83, EU:C:1986:166), u tat-22 ta' Mejju 1990, Il-Parlement vs Il-Kunsill (C-70/88, EU:C:1990:217), jeħtieġ li jiġi enfasizzat li, b'differenza mill-kawżi li taw lok għal dawn iż-żewġ sentenzi, il-kawża odjerna hija kkaratterizzata, mhux min-nuqqas, fit-Trattati, ta' dispożizzjoni li tipprovdi għad-dritt li jiġi ppreżentat rikors għal annullament bħal dik inkwistjoni fil-kawża odjerna, iżda mill-eżistenza ta' dispożizzjoni espressa, jiġifieri l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li teskludi r-rakkomandazzjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rikors għal annullament, peress li dawn l-atti ma jipproduċux effetti legali vikolanti, fatt li ġie f'dan il-każ ġustament ikkonstatata mill-Qorti Ġenerali.

44 Barra minn hekk, minkejja li l-Artikolu 263 TFUE jeskludi l-istħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-atti li jkollhom in-natura ta' rakkomandazzjoni, l-Artikolu 267 TFUE jagħtiha l-ġurisdizzjoni li tagħti deċiżjoni preliminari, fuq il-validità u l-interpretazzjoni tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, mingħajr ebda eċċezzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1989, Grimaldi, C-322/88, EU:C:1989:646, punt 8, kif ukoll tat-13 ta' Ġunju 2017, Florescu *et*, C-258/14, EU:C:2017:448, punt 30).

45 Minn dan isegwi li l-ewwel u t-tieni aggravju għandhom jiġi miċħuda fl-intier tagħhom.

***Fuq it-tielet aggravju***

*L-argumenti tal-partijiet*

46 Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, ir-Renju tal-Belġju jsostni li l-Qorti Ġenerali, wara li kkonstatat li r-rakkomandazzjoni kontenzjuża hija redatta f'termini imperattivi fil-verżjonijiet tagħha bil-lingwa Ġermaniża u Olandiża, kellha tirrikonoxxi li din ir-rakkomandazzjoni hija intiża li tipproduċi effetti legali vinkolanti tal-inqas fil-konfront tagħha.

47 Skont il-Kummissjoni, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud, billi, sa fejn huwa bbażat fuq kritika testwali li tirrigwarda biss ċerti verżjonijiet lingwistiċi, l-imsemmi aggravju jikser il-prinċipju ta' interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

48 Kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1, kif emendat bir-Regolament Nru 517/2013, il-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni elenkati f'din id-dispożizzjoni jikkostitwixxu lingwi awtentiċi tal-atti li bihom dawn ikunu redatti.

49 Minn dan isegwi li l-verżjonijiet lingwistiċi kollha ta' att tal-Unjoni għandhom, bħala prinċipju, jiġu rrikonoxxuti l-istess valur. Bil-għan li tiġi ppreżervata l-unità ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, jeħtieġ għalhekk, f'każ ta' diverġenzi bejn dawn il-verżjonijiet, li d-dispożizzjoni kkonċernata tiġi interpretata skont l-istruttura ġenerali u l-finalità tal-leġiżlazzjoni li din tkun tifforma parti minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' April 1998, EMU Tabac *et*, C-296/95, EU:C:1998:152, punt 36, u tal-20 ta' Novembru 2003, Kyocera, C-152/01, EU:C:2003:623, punti 32 u 33 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

50 B'hekk, il-kliem użat f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' att ma jistax iservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' dak l-att jew jingħata, f'dan ir-rigward, prijorità fil-konfront tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra. Fil-fatt, metodu bħal dan ikun inkompatibbli mar-rekwiżit ta' uniformità ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Ottubru 2009, Zurita García u Choque Cabrera, C-261/08 u C-348/08, EU:C:2009:648, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tad-9 ta' Marzu 2017, GE Healthcare, C-173/15, EU:C:2017:195, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-punt 34 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali, fid-digriet appellat, wettqet eżami pparagunat tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti tar-rakkomandazzjoni kontenzjuża u minn dan ikkonkludiet li din tal-aħħar hija redatta, essenzjalment, f'termini mhux imperattivi.

52 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt 37 ta' din is-sentenza, huwa kkonstatat li huwa skont analiżi eżegwit sal-grad rikjest mil-liġi tal-kliem, tal-kontenut u tal-finalità tar-rakkomandazzjoni kontenzjuża kif ukoll tal-kuntest li din taqa' fih, li l-Qorti Ġenerali setgħet tiddeċiedi validament, fil-punt 37 tad-digriet appellat, li din ir-rakkomandazzjoni "la tipproduċi lanqas ma hija intiża li tipproduċi effetti tad-dritt obbligatorji, b'mod li ma tistax tiġi kklassifikata bħala att li jista' jiġi ikkontestat fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE".

53 Għaldaqstant, it-tielet aggravju ma jistax jintlaqa'.

54 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

55 L-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi li, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn tal-aħħar, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Renju tal-Belġju tilef, hemm lok li jiġi kkundannat għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**1) L-appell huwa miċħud.**

**2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.**

Firem